Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Kevin Pulis]

[Spettur Gabriel Micallef]

vs

Kevin Azzopardi

Kumpilazzjoni Numru: 22/2022

Illum, 28 ta' Jannar 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Kevin Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 0168676M akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda:

1. **Akkuzat talli nhar it-08 ta' Dicembru, 2021, gewwa Triq il-Moll tal-Braken, Marsa**, kkometta serq ta flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-hin u l-mezz, ghad-detriment ta' Shazel Gusman u/jew persuni jew entitajiet ohra;

2. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi**, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-detrimemt ta' Shazel Gusman u/jew persuni jew entitajiet ohra.

3. **U aktar talli nhar il-15 ta' Dicembru, 2021, u jew fil-jiem ta' qabel, gewwa Triq Sant' Anna, Floriana**, kkometta serq ta flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-hin u l-mezz,

ghad-detriment ta' George Buttigieg u/jew persuni jew entitajiet ohra;

4. **U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi**, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-detriment ta' George Buttigieg u/jew persuni jew entitajiet ohra;

5. **U aktar talli nhar id-19 ta' Dicembru, 2021, gewwa Triq Prince Albert, Marsa,** xjentement bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' delitt ta' serq aggravat ta' flus kontanti, ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-mezz u hin, ghad-dannu ta' Alexander George Camilleri u/jew persuni entitajiet ohra;

6. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi,** hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-mitejn u hamsin

Ewro (€250), ghad-dannu ta' Alexander George Camilleri u/jew persuni entitajiet ohra;

7. **U aktar talli nhar it-02 ta' Jannar, 2022, u jew fil-jiem ta' qabel, gewwa Triq it-Torri, Msida**, kkometta serq ta flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-hin u l-mezz, ghad-detriment ta' Michael Barbara u/jew persuni jew entitajiet ohra;

8. **U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi,** volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-detriment ta' Michael Barbara u/jew persuni entitajiet ohra;

9. **Akkuzat talli nhar l-04 ta' Jannar, 2022, gewwa Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana**, xjentement, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' delitt ta' serq aggravat ta' flus kontanti, ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun

kkwalifikat bil- mezz u hin, ghad-dannu ta' Mario Armeni u/jew persuni jew entitajiet ohra;

10. **U aktar talli fl-istess, dati, lok, hin u cirkostanzi**, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-dannu ta' Mario Armeni u/jew persuni jew entitajiet ohra;

11. **Akkuzat talli nhar it-12 ta' Jannar, 2022, gewwa Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana**, xjentement, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' delitt ta' serq aggravat ta' flus kontanti, ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-mezz u hin, ghad-dannu ta' Mario Armeni u/jew persuni jew entitajiet ohra;

12. **U aktar talli fl-istess, dati, lok, hin u cirkostanzi**, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-mitejn u hamsin

Ewro (€250), ghad-dannu ta' Mario Armeni u/jew persuni jew entitajiet ohra;

13. **U aktat talli fl-istess, dati, lok, hin u cirkustanzi**, irrenda ruhu recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magsitrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 49, 50, 289 et sequitur u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni u rega' kkonferma l-istess ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed sabiex

jikkontempla d-dikjarazzjoni tieghu u li fehem l-imputazzjonijiet kollha u l-pieni li jgibu tali imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, il-Qorti qieghda ssib lill-imputat Kevin Azzopardi hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija, kif ukoll Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu tliet (3) snin.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**